# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
## SEDE KOSTITUZZJONALI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 31 ta' Mejju 2022**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Numru:- 658/2021 JVC**

**Alfred Bugeja (KI 828557M)**

**vs**

**L-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrenti Alfred Bugeja talab kif isegwi:

1. 'Illi l-rikorrenti gie akkuzat fl-elfejn u tnejn (2002) u l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent gew konkluzi nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

2. Illi r-rikorrent kien mixli li kiser diversi disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll xi disposizzjonijiet tar-Regoli ghall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikoluzi, LS 101.02 u tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Dicembru tas-sena elfen u hmistax (2015) ir-rikorrent ipprezenta appell fejn talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali tirrevoka s-sentenza fuq indikata tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tilliberah mill-akkuzi kollha u fin-nuqqas taghti sentenza aktar ekwa u gusta;

4. Illi fl-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imhallef Dr Edwina Grima cahdet l-appell migjub mir-rikorrent billi kkonfermat is-sentenza moghtija nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali (kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok A');

5. Illi sad-data tas-sentenza, il-proceduri tal-kaz surreferit gew assenjati Magistrat differenti, liema proceduri damu ghaddejin

ghal aktar minn tlettax (13) il-sena hekk kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza;

6. Illi huwa evidenti illi fil-kaz tar-rikorrent, id-dritt illi individwu jkollu l-kawza tieghu mismugha u finalizzata fi zmien ragjonevoli kien miksur u dana meta wiehed jikkunsidra l-ammont ta' snin illi l-kawza daghmet ghaddeja;

7. Illi fis-sentenza bl-ismijiet **David Marinelli vs Avukat Generali et** deciza nhar it-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008), dik il-Qorti irriteniet illi sabiex jigi determinat jekk is-smiegh f'xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif rikjest kemm mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea, dik il-Qorti ghandha tqis "*1. in-natura u/jew komplessita' tal-kaz in kwistjoni, 2. il-kondotta tal-partijiet fil-kawza u 3. il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita' gudizzjarja stess*".

8. Illi, in oltre, kif gie ritenut fil-kawza li ggib l-isem **John Bugeja vs Avukat Generali et** deciza nhar il-hdax (11) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta (2003) "*Id-dritt fundamentali tal-individwu li jkollu l-kawza tieghi mismugha u finalizzata eghluq iz-zmien ragonevoli, jimponi tassattivament fuq l-istat, li jrid josserva s-Saltna tad-Dritt, l-obbligu li jkollu fis-sehh sistema efficjenti t'amministrazzjoni tal-gustizzja.*"

9. Illi diversi kawzi gew trattati quddiem il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani dwar jekk is-smiegh f'xi proceduri quddiem il-Qorti sarx fi zmien ragjonevoli kif rikjest mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea. Il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet Umani osservat illli: "*Only delays attributable to the respondent State may justify a finding of failure to comply with the reasonable time*

*requirement.”* f’Kryuk v Russia, No. 11769/04, 13 December 2011; Serrano Contreras v Spain, No. 49183/08, 20 March 2012; Idalov v Russia (Grand Chamber), No. 5826/03, 22 May 2012; Sizov v Russia (No. 2), No. 58104/08, 24 July 2012; Borodin v Russia, No. 41867/04, 6 November 2012. Filwaqt illi l-istess Qorti f’Eckle v Germany, No. 8130/78, 15 July 1982 u Michelioudakis v Greece, No. 54447/10, 3 April 2012, elaborat din l-osservazzjoni billi spjegat illi: *“The applicant’s conduct constitutes an objective fact which cannot be attributed to that State and which has to be taken into account when determining whether or not the proceedings lasted longer than a ‘reasonable’ period.”*

10. Illi fl-ebda mument, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali jew il-Qorti tal-Appell Kriminali presjeduta mill-Imhallef Dr Edwina Grima ma tikkontribwixxi it-tort lir-rikorrent ghat-tul ta’ zmien li l-proceduri damu ghaddejin li damu diversi snin hekk kif ser jigi pprovat fil-mori tal-kawza. Pjuttost huwa r-rikorrent illi fl-appell intavolat nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Dicembru tas-sena elfen u hmistax (2015) illi pprezenta l-aggravju s-segwenti: *“Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Ewwel Onorabbli Qorti ma hadetx in konsiderazzjoni meta kienet qeghda tghaddi ghas-sentenza li dan l-allegat reat sehh fi Novembru 2002, illum ‘l fuq minn 13-il sena ilu. Biex nitfghu il-melh fuq il-ferita, il-Qorti qalet li xorta li din mhix ta’ ebda konsegwenza ghall-appellant kien il-habs…”;*

11. Illi huma ghal dawn ir-ragunijiet ghalfejn ir-rikorrent hass ruhu aggravat bit-tul tal-procedimenti fis-sentenza hawn fuq imemmija minhabba l-fatt illi hu gie lez mid-dritt tieghu ghal smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli;

12. Illi, għalhekk, hija l-umli fehma tar-rikorrent li huwa ma giex mogħti smiegħ xieraq fi zmien ragjonevoli kif provdut u garantit bħala dritt fundamentali tiegħu taħt l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll taħt l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporata fil-Liġijiet tagħna mill-Kapitolu 319.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, r-rikorrent bir-rispett jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

i) Tiddikjara illi s-sentenza mogħtija nhar il-wieħed u għoxrin (21) ta' Diċembru tas-sena elfejn u ħmistax (2015) mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-għoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019), tivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq kif provdut f'Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u f'Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporata fil-Liġijiet tagħna mill-Kapitolu 319 u dana minħabba it-trapass taz-zmien twil li damu il-proceduri;

ii) Tagħti kull provvediment u/jew rimedju ieħor xieraq u opportun sabiex jiġi żgurat it-twettiq tad-dritt fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq;

iii) Tagħti kumpens xieraq għad-danni morali sofferti mir-rikorrent.

Bl-ispejjeż.'

Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

'Illi l-kawza odjerna tirrigwarda jekk ir-rikorrent garrabx lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni minhabba dewmien irragjonevoli fil-proceduri fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja deciza mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta` Marzu 2021.

Illi bhala fatti jirrizulta li l-investigazzjoni tal-pulizija tmur lura ghal-Dicembru 2001 meta gew infurmati li minn gewwa l-habs numru ta` prigunieri fosthom Alfred Bugeja, kienu qed jaghmlu arrangamenti sabiex tigi importata f`Malta mill-Olanda ammont konsiderevoli ta` droga. Eventwalment ir-rikorrent tressaq il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja f`Novembru 2002 akkuzat bir-reat ta` assocjazzjoni sabiex tigi ittraffikata d-droga f`Malta. Fit-13 ta` Settembru 2010 l-Avukat Generali hareg l-ordni sabiex ir-rikorrenti jigi ipprocessat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali. Fil-11 ta` Frar 2015 il-kawza thalliet ghas-sentenza liema sentenza inghatat fl-21 ta` Dicembru 2015 fejn ir-rikorrent instab hati tal-akkuzi migjuba kontrih u gie ikkundannat hames snin prigunerija u multa ta` 11,500 euro. Ir-rikorrenti appella minn din is-sentenza u l-appell gie deciz fl-20 ta` Marzu 2019 fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

Illi huwa pacifiku kif konstatat anke mill-gurisprudenza lokali kif ukoll dik tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem li l-fatturi li principalment ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni sabiex jigi determinat jekk is-smiegh ta' process eccediex il-parametri tas-

smiegh fi zmien ragjonevoli huma l-komplessita' tal-kaz, l-agir tal-partijiet fil-kawza u l-agir ta' l-awtorita' jew awtoritajiet relevanti – f'dan il-kaz l-agir ta' awtorita' gudizzjarja. Ghalhekk, skond il-gurisprudenza assodata kemm nostrali kif ukoll dik Ewropeja, sabiex Qorti tasal ghal konkluzjoni dwar jekk kienx hemm ksur tad-dritt ta' smiegh xieraq fi zmien ragonevoli, il-procedura gudizzjarja mertu tal-allegazzjonijiet trid tkun ezaminata fl-assjem taghha u ma jistax ikun ezaminat biss element jew parti wahda minn din il-procedura.

Illi kif ser jirrizulta mill-provi waqt is-smigh ta` din il-kawza, il-process kriminali in kwistjoni kien jirrigwarda kaz kompless u kien jinvolvi hafna nies. Investigazzjoni komplessa hija riflessa fi proceduri kriminali li kienu komplessi wkoll. Dan kien kaz li kien jinneccessita ammont ta` zmien sabiex jittellaw il-provi kollha. Tant hu hekk li jirrizulta li komplessivament telghu jixhdu madwar 48 xhud waqt l-istadju tal-gbir tal-provi.

Illi hu accettat illi ma hemm l-ebda 'time limit' li Qorti trid bilfors tosserva fil-kors tal-proceduri quddiemha ghax altrimenti l-interessi tal-gudizzja jigu pregudikati minhabba ghaggla zejda u inkonsulta.

Illi sabiex dina l-Onorabbli Qorti tkun tista' tikkonsidra b'mod serju t-talba tar-rikorrenti jrid jigi ppruvat illi mhux biss il-kaz dam pendenti izda li tali dewmien huwa wiehed kapriccuz u ntiz biex jizvantaggah fit-tgawdija tad-drittijiet tieghu skond il-Ligi.

Illi finalment sabiex jiġi determinat jekk kienx hemm dewmien irraġjonevoli, kull każ irid jiġi studjat fuq il-mertu tiegħu u fil-kumplessivita' tieghu u fil-kaz odjern l-esponent jeccepixxi li mill-

assjem tal-proceduri in dezamina, ghalkemm il-kaz ha numru ta' snin biex gie deciz, ma kienx hemm dewmien irragjonevoli. Illi l-Prosekuzzjoni kienet fid-dover li tipprova il-kaz taghha bl-ahjar mod possibbli u ma kienx hemm dewmien mill-Qrati.

Illi l-allegazzjonijiet li jaghmel ir-rikorrent huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi minghajr ebda pregudizzju ghall-premess u ghall-gieh tal-argument biss, jekk din l-Onorabbli Qorti ssib li verament kien hemm xi dewmien irragjonevoli u mhux gustifikat u allura tqis li ghandha taghti xi forma ta` rimedju lir-rikorrenti, dan ir-rimedju ghandu jkun biss ta` kumpens bhala danni morali u mhux ta` danni materjali.

Illi ghalhekk m`hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt ghal-smigh xieraq.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.'

Rat id-decizjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 20 ta' Marzu, 2019 moghtija fil-konfront tar-rikorrent a fol. 4 et seq tal-process.

Rat illi fil-verbal tal-11 ta' Novembru, 2021 l-partijiet qablu li kellhom jigu allegati l-atti kriminali fl-ismijiet Pulizija vs. Alfred Bugeja decizi finalment mill-Imhallef Edwina Grima nhar l-20 ta' Marzu, 2019.

Rat l-atti kriminali allegati u semghet ix-xiehda.

Rat illi fil-verbal datat 25 ta' Jannar 2022 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rikors ta' indoli kostituzzjonali odjern jirrigwarda lment tar-rikorrent Alfred Bugeja li jsostni li garrab lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, rizultat ta' dewmien irragjonevoli fil-proceduri fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja decizi finalment mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta` Marzu 2019 (process anness mal-att odjerni). Ir-rikorrent isostni li l-proceduri damu aktar minn tlettax-il sena u li dan id-dewmien ma kienx gustifikat u bl-ebda mod ma jista' jigi attribwit lir-rikorrent.

Illi milli atti jirrizulta li bhala fatt il-kaz in kwistjoni jmur lura ghal investigazzjoni tal-pulizija li bdiet f'Dicembru tas-sena 2001 meta l-pulizija jew infurmati li minn gewwa l-habs, numru ta` prigunieri fosthom ir-rikorrent Alfred Bugeja, kienu qed jaghmlu arrangamenti sabiex tigi mportata droga f`Malta mill-Olanda. Eventwalment ir-rikorrent odjern tressaq quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Istruttorja f`Novembru tas-sena 2002 akkuzat bir-reat ta` assocjazzjoni sabiex tigi traffikata d-

droga f`Malta fejn kienu tressqu b'kollox dsatax-il persuna fosthom ir-rikorrent. Mill-atti kriminali jirrizulta li l-proceduri kontra Alfred Bugeja issoktaw fis-6 ta' Novembru, 2008 din id-darba qudddiem il-Magistrat Michael Mallia fejn tressaq hu u persuna ohra. Fit-13 ta` Settembru 2010 l-Avukat Generali hareg l-ordni sabiex ir-rikorrent Bugeja jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali). Aktar minn erba' snin wara fil-11 ta` Frar 2015 il-kawza thalliet ghad-decizjoni liema decizjoni nghatat fl-21 ta` Dicembru 2015. Permezz ta' dik id-decizjoni r-rikorrent Bugeja qua akkuzat instab hati tal-akkuzi migjuba kontrih u gie kkundannat il-piena ta' hames snin priguneriija u multa ta` €11,500. Ir-rikorrent odjern appella mid-decizjoni u l-appell gie deciz erba' snin wara fl-20 ta` Marzu 2019 fejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati.

L-intimat Avukat tal-Istat jirrispondi li din il-Qorti ghandha tevalwa l-komplessita tal-kaz involut fl-assjem tieghu u mhux f'bicciet. Isostni li din il-Qorti ghandha tiehu wkoll in konsiderazzjoni n-numru kbir ta' xhieda li nstemghu tul il-proceduri kriminali. Finalment isostni wkoll li anki f'kaz li tinstab il-lezjoni, din il-Qorti ghandha takkorda biss danni morali u mhux danni materjali.

**Provi**

Illi bhala provi fir-rikors odjern, apparti l-allegazzjoni tal-process tal-atti kriminali, principalment tressqet biss ix-xiehda tar-rikorrent Alfred Bugeja fis-seduta ta' nhar l-14 ta' Dicembru, 2021 a fol. 28 et seq tal-process fejn huwa xehed kif isegwi:

‘Dr Josette Sultana: Mela, sinjur, din il-kawża tiftakar kemm ilha li bdiet kienet?

Xhud: Xi 2002.

Dr Josette Sultana: 2002. U kemm bdiltu akkużati, kif kienet bdiet?

Xhud: Din propja, din kont ili għaxar snin il-ħabs, ħriġt, u wara sena kont naħdem, kelli garaxx u kont naħdem mechanic u hekk, arrestawni, u akkużawni li sraqt vann sigaretti. U ma kontx jiena. U tefawni l-ħabs, għamilt xahrejn, u wara xahrejn ċempilli l-ispettur—madonna x’jismu madonna. Kellu missieru kummissarju—Calleja. Qalli isma’ Fred, qalli l-ħallelin qbadnihom, qalli nafu li m’għandekx x’taqsam, u qalli għada għal barra. F’dawn ix-xahrejn.

Qorti: Fejn ċempillek?

Xhud: Il-ħabs. F’dawk ix-xahrejn li kont ili l-ħabs kien hemm Ċali Muscat, il-Pips, qalli isma’, għamilli pjaċir. Għidtlu xi trid jien? Qalli għax tawni sitta u erbgħin elf Marju l-Imnieħru u Leli l-Bully, qalli biex inġibu erba’ kilos droga. Għidtlu jiena— qalli tlifthom fil-World Cup. Għidtlu jiena minn fejn tridni nġib dawn il-flus? Qalli le, qalli attaparsi ħa ġġibhom inti. Għidtlu mela jiena ħiereġ bil-pledge nista’ nsiefer? Qalli mhux tivvinta xi ħaġa.

Dr Josette Sultana: Xi ġġib?

Xhud: Erba’ kilos droga minn barra. U ġie ħija, ħija Bertu, għidtlu isma’ Bert issa nċempillek, għidtlu nċempillek b’mobile, għidtlu għidli ma tafx li fejn tgħidli inti nidħol bir-ras? Qalli orrajt. U dħalt,

għidtlu hekk il-Pips, qalli vera? Għidtlu iva. Qalli ħa ngħajjat il-Leli. Għajjat il-Leli l-Bully, qallu ħa jitla' għalihom ħu Fredu ta. Qalli vera? Għidtlu ijwa jien. Qalli ħa nċempillu. Ċempilt il-ħija jien, għidtlu Aw Bert, fuq dik li kellimtek fil-vista. Qalli ma tafx tgħidli inti nidħol bir-ras? U qatagħli. U rċevejt din it-telefonata m'għand is-Sur Calleja, qalli għada għall-barra, u ħriġt. U għadda ż-żmien, u kelli każ fuq l-appell; inqatgħali l-appell, u erġajt lura l-ħabs. U bgħatu għalina, bdew jibgħatu għalina d-depot. U resquna dsatax-il ruħ fuqu dan il-każ. U ma kellniex avukat waqt l-interrogazzjoni, u biddilna ħafna maġistrati, quddiem dak, quddiem dak, quddiem l-ieħor. Wasalna fl-aħħar, għas-sentenza, u dħalt……konna għax Leli kien ammetta u nqatgħalu, u l-Pips inqala' minn magħna għax dak fetaħ kawża kostituzzjonali, u ġejna sbatax. U konna nitilgħu flimkien l-isbatax u fl-aħħar tlajna u qalli, inti mhux hawn Bugeja; kont mal-iskorta, qallu ħudu fit-tali awla, u ħadni f'awla oħra. Qalli l-ġimgħa d-dieħla sentenza, Bugeja. Għidtlu orrajt jien, Sur Maġistrat. Tlajt il-ġimgħa ta' wara u tani seba' snin u kważi ħdax-il elf multa. U għollejt idejja, qalli x'għandek bżonn? Għidtlu ordnali l-injection tal-ewtanażja Sur Maġistrat. Għandi l-gazzetta qiegħda hawnhekk fil-but.

Qorti: Ħa tesebiha? Ħa tesebiha Dottoressa?

Dr Josette Sultana: ……kif jixtieq hu.

Xhud: Mela, AB1.

Xhud: U tani dis-sentenza, appellajtha, li tani sentenza eċċessiva, u kif appellajt, appena appellajt jiena li tani sentenza kbira s-sittax l-oħra ħarġu liberati għax ma kellhomx avukat waqt l-

interrogazzjoni. Jiena ma kellix avukat laqqas bħalhom, u kollha ħarġu liberati u lili tani dik is-sentenza. Bellaħni.

Dr Josette Sultana: Minn mindu bdiet il-kawża sakemm inqatgħat, l-appell kemm għadda żmien?

Xhud: E għadda żmien. Fit-2002 ressaqna, u nqatgħet 2015 naħseb? Hemm il-gazzetta hemmek. Xi 2015.

Dr Josette Sultana: Ġifieri inti ġieli tlajt jew ġieli qalulek ma kinitx se ssir il-kawża?

Xhud: U kemm-il darba! Kemm-il darba.'

Rat l-artikolu fil-gazzetta 'l-Orizzont' esebit a fol. 26 tal-process intitolat 'Il-"Porporina" jistaqsi ghal injezzjoni tal-Ewtanasja' datat 22 ta' Dicembru, 2015.

Rat l-atti kollha annessi.

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

Illi l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jaqra kif isegwi:

'39 (1) Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigi irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi.'

Illi l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem jipprovdi kif isegwi:

'In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair and public hearing within a reasonable time by an independent and impartial tribunal established by law.'

Illi fis-sottomissjonijiet taghhom il-partijiet jaqblu li l-kriterji li din il-Qorti ghandha tevalwa sabiex tasal ghal-konkluzjoni taghha dwar jekk kienx hemm lezjoni tal-jedd fundamentali ghal smigh xieraq tar-rikorrenti huma kif isegwi:

1. In-natura u/jew komplessita tal-kaz in kwistjoni;
2. Il-kondotta tal-partijiet fil-kawza;
3. Il-mod kif dawk il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita gudizzjarja stess.[1]

Principalment ir-rikorrent jilmenta mis-segwenti:

a) Numru kbir ta' seduti li ma sar xejn fihom;
b) Numru ta' differimenti mitluba mill-prosekuzzjoni;
c) Numru sostanzjali ta' rinviji;
d) Numru ta' riassenjazzjonijiet tal-kaz lil gudikanti differenti li lkoll kellhom bzonn iz-zmien taghhom sabiex jezaminaw il-process voluminuz.

Ir-rikorrent jinsisti wkoll li s-semplici fatt li hu gia kien mizmum il-habs fuq reati ohra ma jgibx fix-xejn il-jedd tieghu ghal smigh xieraq fi zmien ragonveoli kif jallega li kkonkludiet il-Qorti tal-Magistrati fid-decizjoni taghha. Ir-rikorrenti jissottometti li:

---

[1] Ara David Marinelli vs. Avukat Generali (PA, 3 ta' Lulju, 2008)

'Irid jinghad illi bniedem li jinstab il-habs xorta ghandu dritt jigi salvagwardjat mill-istat ta' incertezza, fustrazzjoni u ansjeta li d-dewmien ta' proceduri kriminali necessarjament jiggenera fil-persuna akkuzata. Semplicement ghaliex bniedem jinsab il-habs ma jfissirx illi m'ghandux ghalxiex ihares lejn il-futur; li kieku kien hekk, allura lanqas ikun hemm bzonn ta' terminu ta' prigunerija. . . .

Ir-rikorrent jibza wisq illi d-dewmien tal-proceduri kriminali kontrih wassal sabiex hu ma jkunx jista jiddefendi ruhu bl-ahjar mod anke ghaliex tali dewmien iwassal ghal qtiegh ta' qalb fil-persuna akkuzata, aktar u aktar meta din tinsab gewwa l-habs – post fejn persuna difficli kemm sabiex izomm id-dinjita kif ukoll is-sahha fizika u benesseri mentali' (fol.40 u 41 tal-process odjern)

Da parti tieghu l-Avukat tal-Istat intimat isostni li wara li r-rikorrent tressaq akkuzat fis-sena 2008 il-prosekuzzjoni hadet biss zmien sentejn sabiex ressqet il-provi kollha nonostante li l-kaz in kwistjoni, fi kliem l-intimat, kien wiehed mill-aktar kazijiet komplessi li qatt raw il-Qrati Maltin anki ghaliex kien hemm l-involviment ta' bosta snin. Izid li kien l-istadju tal-provi difiza li dam oltre erba' snin sabiex inghalaq u kienet l-istess Qorti tal-Magistrati li fl-atti rrimarkat li l-kaz kien qed idum wisq minhabba agir tar-rikorrenti odjern. Ghal dan id-dewmien, isostni l-intimat, m'ghandux jahti l-Istat.

Illi l-Qorti rat pagna, pagna l-process kriminali anness bhala prova mal-atti odjerni. Mill-process provdut lilha jirrizultalha li originarjament ir-rikorrent Alfred Bugeja tressaq taht arrest nhar l-1 ta' Novembru, 2002 flimkien ma 18-il akkuzat iehor. Mill-process esebit ma hemm xejn x'gara fis-seduti li sehhew bejn dik id-data u

dik tas-6 ta' Novembru, 2008. Mill-verbal tas-6 ta' Novembru, 2008 jirrizulta li r-rikorrent rega' tressaq b'arrest, din id-darba flimkien biss ma' Charles Stephen Muscat. Fis-sentenza moghtija mill-Magistrat Francesco Depasquale fil-konfront tar-rikorrent odjern datata 21 ta' Dicembru, 2015 jinghad illi fil-5 ta' Dicembru 2008 saret is-separazzjoni tal-gudizzju fejn il-proceduri kontra r-rikorrent odjern Bugeja flimkien ma' Charles Steven Muscat bdew jimxu separatament mill-proceduri illi kienu jinkludu akkuzati ohra. Dwar dan fix-xiehda tieghu r-rikorrent jghid li filli kien jitla akkuzat ma' sbatax ohra izda mbaghad baghtuh f'awla ghalih.

Illi dwar it-trapass taz-zmien bejn l-1 ta' Novembru 2002 u s-6 ta' Novembru, 2008 din il-Qorti tqis li tant ma tressqux provi quddiemha dwar x'sehh f'dak il-perjodu, li ma tistax taghmel analizi ragjonevoli tar-ragunijiet ghalfejn ghaddew sitt snin qabel mal-kaz tar-rikorrenti nfatam minn mal-bqija tal-imputati l-ohra hlief wiehed. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tqis li b'xi mod ir-rikorrent ressaq prova sufficjenti li turi li d-dewmien f'dak l-istadju ma kienx gustifikat u/jew bi ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu.

Mid-data tas-6 ta' Novembru, 2008 l-quddiem il-kaz beda jinstema quddiem il-Magistrat Michael Mallia. Sena wara' l-kaz gie assenjat lill-Magistrat Silvio Meli u fl-2012 dan gie riassenjat lill-Magistrat Francesco Depasquale. Dan ghaliex il-gudikanti precedenti gew elevati ghall-Imhallfin. F'Dicembru 2015 inghatat id-decizjoni fil-konfront tar-rikorrent odjern Bugeja. Ir-raguni ghalfejn inghatat decizjoni biss fil-konfront ta' Alfred Bugeja u mhux ukoll fil-konfront tal-akkuzat l-iehor Charles Steven Muscat ukoll mhix cara lil din il-Qorti mill-atti esebiti annessi mal-process odjern.

Il-Qorti rat li mis-seduta tas-6 ta' Novembru, 2008 il-kawza twalet ghal diversi ragunijiet fosthom:

i) Illi l-imputati (nkluz ir-rikorrent), mal-bidla tal-gudikant ghal darbtejn ma tawx ezenzjoni milli jergghu jinstemghu il-provi li kienu gia migbura sa dak iz-zmien u ghalhekk l-Avukat Generali talab li l-prosekuzzjoni terga' ttella' l-provi kollha taghha (fol 50 u fol. 164);

ii) Kien hemm mill-anqas hames seduti fejn il-prosekuzzjoni ma ressqitx provi jew ma attendietx;

iii) Kien hemm mill-anqas erba' seduti fejn il-proceduri ma setghux ikomplu ghaliex ma attendiex Alfred Bugeja jew ghax kellu appuntament l-Isptar jew ghax talab differiment;

iv) Kien hemm diversi seduti ohra li ma sarux ghaliex Alfred Bugeja ma ttellax il-Qorti mill-Habs jew ghaliex ma deherx l-akkuzat l-iehor Charles Steven Muscat;

v) Kien hemm mill-anqas tlett seduti li gew differiti fuq talba ta' Avukat jew iehor tal-imputati;

vi) Kien hemm ukoll diversi seduti li kellhom jigu differiti ghaliex jew Alfred Bugeja kien sprovvist minn Avukat jew l-Avukat tal-Ghajnuna Legali assenjat lilu kien qed jonqos li jidher waqt is-seduta;

vii) Kien hemm mill-anqas zewg differimenti da parti tal-Qorti qabel ma' l-kawza giet differita ghad-decizjoni filwaqt li kien hemm diversi differiment fuq perjodu ta' madwar ghaxar xhur da

parti wkoll tal-Qorti sakemm din kienet f'posizzjoni li taghti d-decizjoni taghha f'Dicembru, 2015.

viii) Fil-verbal tal-14 ta' Frar 2011 l-kaz gie differit mighajr data bi ftehim bejn il-partijet sakemm jingabru xi traskrizzjonijiet ta' intercettazzjonijiet u gie riappuntat ghad-29 ta' April, 2011. Fil-frattempt inbidel il-gudikant u l-kaz kompla jinstema' f'Novembru, 2011.

Jirrizulta lil din il-Qroti li l-provi tal-prosekuzzjoni gew dikjarati maghluqa nhar it-2 ta' Awwisu, 2010 filwaqt li l-ordni tal-Avukat Generali sabiex il-kaz ikompli jinstema u jigi deciz mill-Qorti ta' Gudikatura Kriminali harget nhar it-13 ta' Settembru, 2010 izda din ma gietx komunikata lill-akkuzat Bugeja. Dan wassal sabiex is-seduta ta' wara kellha tigi differita sabiex l-akkuzat jirregola ruhu. Id-difiza ta' Bugeja ghalqet il-provi nhar it-12 ta' Novembru, 2014, saret trattazzjoni fis-seduta ta' wara u s-sentenza inghatat finalment fil-21 ta' Dicembru, 2015.

Mid-decizjoni tal-Qorti ta' Gudikatura Kriminali gie ntavolat appell mir-rikorrent odjern datat 23 ta' Dicembru, 2015. Dan l-appell gie appuntat ghall-ewwel darba aktar minn sentejn wara cioe nhar it-22 ta' Frar, 2017 quddiem l-Imhallef Antonio Mizzi. Dan is-smigh izda gie differit tlett darbiet mill-Qorti bir-raguni li kienet mpenjata mod iehor u darba ghaliex ma kienx notifikat l-akkuzat Bugeja. Finalment l-appell gie trattat quddiem l-Imhallef Mizzi nar l-24 ta' April, 2018 u gie differit ghad-decizjoni ghall-31 ta' Ottubru, 2018 izda d-decizjoni ma nghatatx dak in-nhar. Stante l-irtirar tal-Imhallef sedenti bl-eta tal-pensjoni l-appell gie assenjat

lill-Imhallef Edwina Grima li appuntat l-appell ghall-25 ta' Jannar, 2019 u tat id-decizjoni nhar l-20 ta' Marzu, 2019.

Illi l-Qorti vverifikat mill-atti li fil-mument li l-prosekuzzjoni bdiet tressaq il-provi taghha, li huma pjuttost voluminuzi u b'hafna xiehda, din irnexxielha tressaq dawn il-provi fi zmien sentejn f'seduti li kienu pjuttost twal. Fil-mument li l-kaz wasal fi stadju tal-provi difiza l-Qorti rat li beda jinqala kull intopp possibbli sabiex il-kaz ma jkunx jista' jkompli. Fil-fatt fejn qabel l-akkuzat Bugeja kien isostni li ma kellux bzonn Avukat issa beda jinsisti li jkun assistit minn Avukat. Irrizulta car li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn l-Avukat tal-Ghajnuna legali nominat u l-akkuzat almenu dwar is-smigh tal-kaz. Bosta mir-ragunijiet ghad-dewmien fl-istadju tal-provi difiza izda l-Qorti rat li ma kienux b'tort jew rizultat ta' agir tar-rikorrent odjern Bugeja, anki ghaliex hu kien il-habs u kien jiddependi fuq l-awtoritajiet sabiex itellawh il-Qorti u wkoll li jaghtuh access ghall-Avukat. In oltre, l-bidla fil-gudikanti wasslet ukoll ghal dewmien anki fl-istadju tal-provi difiza. Jirrizulta fil-fatt li l-uniku prova li tressqet fl-istadju tal-provi difiza kienet ix-xiehda ta' Bugeja nnifsu u saret trattazzjoni ghalhekk id-dewmien ta' erba' snin sabiex finalment inghalaq dan l-istadju ma jirrizultax lil din il-Qorti li kien gustifikat. Lanqas jista' jinghad li dan id-dewmien jista' b'xi mod jigi mputat lir-rikorrent Bugeja izda kien aktar rizultat tal-mod kif kien qed jigi amministrat is-smigh tal-kaz mill-awtoritajiet koncernati kemm jekk huma l-Pulizija, l-Awtoritajiet tal-Habs u wkoll l-amministrazzjoni tal-Qrati.

Illi fl-istadju tal-Appell din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li d-dewmien ta' tlett snin u nofs sabiex l-appell gie trattat u deciz huwa zmien eccessiv u certament ma jistax jigi mputat lir-

rikorrent. Irrizulta li anki f'dan l-istadju tal-kaz id-dewmien gie rizultat ta' nuqqasijiet mill-awtoritajiet fosthom differimenti minhabba l-hafna mpenji tal-Qrati, bidla fil-gudikant u nuqqasijiet ta' notifika. Jirrizulta lill-Qorti li ghalkemm il-gudikanti jaghmlu l-almu kollu taghhom sabiex il-kazijiet jinqatghu fl-aqsar zmien possibbli huwa llum evidenti, anki minn diversi decizjonijiet precedenti ta' din il-Qorti kemm kif preseduta kif ukoll diversament preseduta u wkoll tal-Qorti Kostituzzjonali, li n-numru ristrett ta' gudikanti ghax-xoghol voluminuz li jidhol fil-Qrati u n-nuqqas kbir ta' rizorsi adegwati fil-Qrati, kemm ghal dak li hu spazju u wkoll haddiema kwalifikati, qed iwassal ghal dewmien eccessiv fir-rizoluzzjoni ta' proceduri bhal ma gara wkoll fil-kaz tar-rikorrent odjern.

**Konkluzjoni:**

Illi tenut kont ta' dak kollu suespost, u eskluzi wkoll l-ewwel sitt snin tal-proceduri fil-konfront tar-rikorrent odjern stante n-nuqqas ta prova dwar x'gara f'dawn is-snin fl-atti, din il-Qorti tqis li f'dan il-kaz irrizulta li ghalkemm il-kwistjoni verament kienet wahda kumplessa u wkoll ghalkemm ghal ftit mid-dewmien il-kondotta tal-partijiet kienet ukoll wahda mir-ragunijiet ghall-istess, finalment jirrizulta lil din il-Qorti li kien il-mod kif il-proceduri gew trattati u kondotti mill-awtorita gudizzjarja u wkoll l-awtoritajiet l-ohra koncernati li wassal ghal dewmien sproporzjonat, partikolarment fl-istadju tal-provi difiza u wkoll fl-istadju tal-appell, b'dana li l-Qorti tqis li ghal dawn ir-ragunijiet id-dritt ghal smigh xieraq fi zmien ragjonevoli tar-rikorrent gie miksur fit-termini tal-artikoli citati minnu.

**Rimedju:**

Illi ghal dak li huwa rimedju xieraq iz-zewg partijiet issottomettew li f'dan il-kaz din il-Qorti ghandha tordna l-hlas ta' danni morali u mhux danni materjali. Tenut kont li wiehed qed jitkellem fuq dewmien ta' mill-anqas tmien snin il-Qorti, in linea wkoll ma decizjonijiet precedenti taghha dwar dan il-punt, tqis li kumpens ta' elfejn u hames mitt Euro (€2,500) likwidat arbitrio boni viri huwa idonju fic-cirkustanzi.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dan ir-rikors billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-intimat Avukat tal-Istat sakemm din hija nkompatibbli ma' dak hawn deciz, tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent kif isegwi:

i) Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi s-sentenza moghtija nhar il-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, liema sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-ghoxrin (20) ta' Marzu tas-sena elfejn u dsatax (2019), tivvjola d-drittijiet fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq kif provdut f'Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u f'Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali kif inkorporata fil-Ligijiet taghna mill-Kapitolu 319 u dana minhabba it-trapass taz-zmien twil li damu il-proceduri;

ii) Tilqa' t-tieni u t-tielet talba u tghaddi sabiex tordna lill-intimat Avukat tal-Istat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' elfejn u hames

mitt Euro (€2,500) rapprezentanti danni morali bhala kumpens ghall-lezjoni sofferta;

Bl-ispejjez kollha kontra l-Avukat tal-Istat.

Tordna n-notifika ta' din id-decizjoni lill-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**31 ta' Mejju 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Mejju 2022**